MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 32/2010

**Simon Peter Formosa**

**vs**

**Raymond Dalli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-27 ta' Settembru 2010 it-Tribunal tal-Arbitragg ppronunzja s-segwenti sentenza ismijiet premessi: -

***"Fatti***

*Il-kaz in ezami jikkoncerna incident awtomobilistiku illi sehh fit-18 ta' Gunju 2006, gewwa Triq ix-Xlendi, Fontana, Ghawdex, int u gej mix-Xlendi u sejjer lejn il-Fontana, liema incident sehh bejn il-vettura Hyundai Accent Numru ta' Registrazzjoni AAD-597 propjeta' ta' Simon Peter Portelli u minnu misjuqa u l-vettura Peugeot 306 Numru*

*ta' registrazzjoni HAN-756, propjeta` ta' Adam Cassar u misjuqa minn Raymond Dalli. Dana l-incident sehh meta l-vettura AAD-597, li kienet ghaddejja minn go Xlendi Road, kissret ghal fuq il-lemin taghha meta dina kienet qieghda tigi sorpassata mill-vettura HAN-756.*

***Xhieda***

*Fis 16 ta' Marzu 2009, xehed* ***Simon Peter Farrugia,*** *fejn dana qal illi kien xoghol gewwa l-istabbilment bl-isem Grotta u kien spicca xoghol ghal xi l-5.30a.m. Huwa kien niezel mix-Xlendi u, hekk kif wasal vicin ghat-triq illi fuq il-lemin taghti ghal Munxar, huwa naqqas, xeghel l-indicator biex idur u ra vettura warajh, izda li kienet 'il boghod, u ghalhekk beda jdur. Hekk kit kien qieghed jaghmel il-manuvra, sema' hoss ta' brake qawwi u daqqa, bir-rizultat illi l-vettura tieghu daret 'anti clockwise', minn posizzjoni fejn kienet qed thares ghat-triq tal-Munxar lejn pusizzjoni fejn issa giet thares lejn ir-Rabat. Il-vettura illi habtet fih ma waqfitx mad-daqqa izda baqghet sejjra 'l quddiem madwar tul ta' erbgha karozzi.*

*Hekk kif waqqfu il-vetturi, ix-xufier tal-vettura l-ohra, Dalli, hareg ghal Farrugia u beda jghajjat u jheddu. Kif gara hekk, huwa gharfu bhala persuna illi, ftit sieghat qabel, kien qieghed jqajjem problemi gewwa l-Grotta. Ghalhekk huwa beza, telaq 'l hemm mal-ewwel u baqa' sejjer l-Ghassa tal-Puluzija tar-Rabat. Mieghu fil-vettura kien hemm Christian Cutajar.*

*Dalli gie jigri warajh bil-karozza, izda, wara ftit, ma baqax warajh. Eventwalment, Dalli twaqqaf mill-Puluzija hekk kif kien qieghed tiela' fuq il-vapur lejn Malta.*

*Farrugia ikkonferma illi meta ra l-vettura ta' Dalli l-ewwel darba kienet ghadha 'l boghod, haga illi huwa ma kienx qal dakinhar stess lill-Pulzuija, peress illi kien stqarr dakinhar illi ma rah lil hadd gej minn warajh. Huwa kkonferma wkoll illi kien xeghel l-indicator biex idur tul ta' madwar hames karozzi 'l boghod minn fejn beda jdur, u huwa kien beda jirralenta sabiex jaghmel il-manuvra, ghal*

*liema manuvra huwa qatt ma waqaf izda ghamilha bil-mod.*

*Bhala triq, Farrugia jistqarr illi hija trid illi tippermetti biss karozza wahda fuq kull karreggjata u, meta huwa kien beda l-manuvra tieghu, huwa kien gja beda diehel fil-karreggjata opposta.*

*Bhala hsarat lil karozza tieghu, Famjgia qal illi l-hsarat tieghu kienu tul il-vettura kollha tieghu, fuq in-naha tas-sewwieq, mill-mudguard ta' wara sal-gemb kollu ta' quddiem. Huwa izda qatt ma ghamel survey fuq il-vettura, peress illi meta kkomunika mal-assikurazzjoni ta' Dalli, dawna qatt ma tawh risposta.*

*Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2009, rega' xehed **Simon Peter Farrugia**, fejn esebixxa ritratti tal-hsarat fil-vettura tieghu. Huwa esebixxa wkoll Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza fil-5 ta' Dicembru 2006, fejn Raymond Dalli nstab hati talli, fit-18 ta' Gunju 2006, gewwa Triq ix-Xlendi, limiti ta' Fontana, saq il- vertura HAN-756 b'mod perikoluz, kif ukoll talli habat fil- vettura AAD-597 u kkaguna griehi hfief lill Simon Peter Farrugia u talli hedded lill-istess Simon Peter Farrugia. Simon Peter Farrugia kien akkuzat ukoll talli saq b'mod perikoluz, izda gie liberat.*

*Fl-istesss seduta xehed ukoll **Christian Cutajar**, li qal illi huwa kien passiggier ma' Farrugia li kkonferma illi Farrugia kien beda jdur lejn il-Munxar u, f'daqqa wahda, jisma' brake u daqqa mal-karozza, liema karozza, bhala rizultat daret lejn il-lemin thares lejn ir-Rabat.*

*Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2010, xehed **Raymond Dalli**, fejn qal illi huwa kien sejjer minn Xlendi ghar-Rabat, ghaddej bi speed normali, u quddiemu, madwar tul ta' vettura 'l boghod, kien nemm vettura ohra ghaddeja, dik ta' Farrugia. Dana f'daqqa wahda, naqqas, ghafas lejn ix-xellug u, hekk kif beda jaqbzu, dar f'daqqa wahda ghal fuqu.*

*Dalli jghid illi hekk kif gara l-incident, huwa nizel biex jara x'gara, izda Farrugia telaq 'l hemm. Huwa saq warajh fid-direzzjoni tal-Munxar izda eventwlament intilef u, meta mar il-Munxar, l-Ghassa kienet maghluqa, u ghalhekk kien ser jaghmel rapport Malta.*

*Mistoqsi dwar indikazzjonijiet, Dalli qal illi Farrugia ma' ta' ebda indikazzjonijiet illi kien ser idur fuq il-lemin. Hu zied illi, meta rah inaqqas, huwa naqqas bhalu u, meta rah jigbed lejn ix-xellug, huwa ma kienx jaf illi hemm triq fuq il-lemin illi taghti ghal Munxar, u mar biex jaqbzu.*

*Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2010, xhieda ma nstemghux ghal Raymond Dalli kien nesa jitla'.*

*Fis-seduta tas-27 ta' Meiiu 2010. Xehdet Daphne Dalli illi qalet illi ma kinetx taf ezattament fejn kienet bilqieghda u lanqas ma tiftakar illi xi hadd hareg mill-karozza wara illi sehh l-impatt. Madanakollu, Mrs Dalli tiftakar il-manuvra kollha li wasslet ghall-incident fl-aktar dettal u dan ghax ikkonferma illi huma kienu mexjin normali u ta' quddiemhom kien naqas u gibed mal-genb u eventwalment, ir-ragel mar biex jaqbez tali vettura u din kisret ghal fuqu. Naturalment, Mrs Dalli ma tafx jekk it-triq hijiex wahda one lane jew two lane.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi bhala fatti tal-kaz, jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi Dalli kien qed isuq wara Farrugia u, meta Farrugia mar biex idur, Dalli baqa' diehel fih. Hemm ukoll qbil dwar il-fatt illi Farrugia, qabel ma kiser, kien naqqas il-velocita` tieghu.*

*Jidher illi l-unkia kwistjoni illi dwarha ma hemmx qbil, u li ghalhekk waslet ghal kaz in ezami, hija jekk Farrugia ghamilx l-indikazzjonijiet mehtiega qabel ma ghamel il-manuvra jew le.*

*Ghandu jinghad, l-ewwel qabel u kollox, illi Farrugia jistqarr illi l-vettura ta' Dalli kien raha fil-mera qabel ma ghamel il-manuvra, u din kienet ghadha 'l boghod.*

*Illi, apparti minn hekk, kemm Farrugia u kif ukoll siehbu Cutajar, it-tnejn jikkonfermaw illi semghu brake qawwi u li mad-daqqa, il-vettura daret "anti clockwise" u giet thares lejn ir-Rabat.*

*Ghandu jinghad ukoll illi fejn sehh l-incident hija triq dritta, b' vizwali cara, u hija parti min-nizla.*

*Farrugia jistqarr illi meta mar biex jaghmel il-manuvra, huwa xeghel l-indicator filwaqt illi Dalli jghid illi huwa ma ra ebda indicators mixghulin.*

*Farrugia u siehbu Cutajar jikkonfermaw ukoll illi meta raw lil Dalli gej ghalihom, huwa saqu 'l hemm, u marru l-Ghassa tar-Rabat. Dalli, min-naha l-ohra, jghid illi huwa saq warajhom fid-direzzjoni tal-Munxar u eventwlament intilef u ghalhekk mar fuq il vapur lejn Malta.*

*Tenut kont tal-fatt Illi ma jesisti ebda sketch dwar kif sehh l-incident, l-arbitru ser ikollu jistrieh fuq ir-ritratti illi gew esebiti, u dana anke tenut kont tal-fatt illi ebda survey tal-vettura ma saret wara l-incident da parte ta' Farrugia, haga illi huwa kellu kull interess illi jaghmel, izda naqas milli jaghmilha.*

*Harsa lejn ir-ritratti, partikolarment ir-ritratt illi juri t-triq minn fejn kienu gejjin iz-zewg vetturi, juru bl-aktar mod car illi t-triq hija wahda dritta u ma' hemm assolutament xejn x'jimpedi l-vizwali tat-triq. Wiehed jinnota wkoll illi t-triq hija wiesgha biss biex ikun hemm vettura wahda ghaddejja minn kull karreggjata, u mhux tnejn hdejn xulxin fl-istess direzzjoni.*

*Madanakollu, ghandu jinghad illi, certament ma kien hemm xejn illi seta' jimpedi lil Dalli milli jara l-indicators mixghulin jew le fil-hin qabel ma gara l-incident.*

*Dwar il-fatt illi Dalli kien qieghed isuq bi speed aktar minn normal, kif allegat minn Farrugia, id-daqqiet illi jidhru fil-karozza, ghalkemm huwa daqqiet ta' certa konsiderazzjoni, ma humiex certament daqqiet kbar illi*

*gew ikkawzati minn vettura ghaddejha bi speed eccessiv. Anzi, meta wiehed jara d-daqqiet, jinnota illi d-daqqa principali hija fil-bieba ta' wara, u l-mudguard ta' quddiem turi daqqa illi probabilment kienet r-rizultat tal-fatt illi Dalli pprova jevita lil Farrugia u gibed lejn ix-xellug u ghalhekk evita d-daqqa mal-bieba tad-driver izda, peress illi l-vettura ta' Farrugia baqghet tikser lejn il-lemin, huwa rega' laqat il-vettura ta' Farrugia fil-mudguard ta' quddiem.*

*Tenut kont ta' dana hawn fuq kollux deskrit, l-arbitru huwa konvint illi attwalment Farrugia kien naqas milli jaghti indikazzjoni illi kien ser jaghmel il-manuvra illi ghamel, u huwa biss naqqas sabiex jaghmel il-manuvra li jdur fuq il-lemin peress illi t-triq ma tippermettix illi taghmel din il manuvra minghajr ma tnaqqas. Huwa haseb illi Dalli kien jaf li Farrugia kien ser jaghmel tali manuvra, peress illi tali triq hija visibbli, izda dana ma kienx minnu, peress illi tali triq ma hijiex visibbli daqshekk inti u gej mix-Xlendi.*

*Ghalhekk, tali incident sehh minhabba fin-nuqqas da parte ta' Farrugia illi jaghmel l-indikazzjonijiet necessarji bir-rizultat illi k-kawza l-emergenza li wasslet ghall-incident meritu tal-kawza odjerna.*

***Konkluzjoni***

*L-Arbitru qieghed isib till Simon Peter Formosa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fit-18 ta' Mejju 2006, gewwa Triq ix-Xlendi, Fontana, bejn il vetturi Hyundai Accent AAD-597 propjeta` ta' Simon Peter Farrugia u minnu misjuqa u l-vettura taghha Peugeot 306 HAN-756 propjeta' ta' Adam Cassar u misjuq minn Raymond Dalli u tillibera lill-istess Raymond Dalli minn kwalsiasi responsabbilta' fl-incident, bl-ispejjez a karigu tal-istess Simon Peter Formosa.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter Farrugia ID 1779G datat 12 ta' Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella d-decizjoni tal-arbitru tas-27 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet Simon Peter Formosa vs Raymond Dalli u konsegewntement tilqa' it-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta’ Raymond Dalli ID No 393375M ghar-rikors ta’ Appell ipprezentat minn Simon Peter Farrugia datata 21 ta’ Ottubru 2010 a fol 10 tal-process fejn tghid illi d-decizjoni tal-Arbitru hija wahda gusta u korretta, u timmerita illi tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta’ April 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-appellanti u Dr. Louis Bianchi ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta’ Gunju 2011; u tal-15 ta’ Gunju 2011 fejn l-appell gie differit ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg kostitwit bl-Att dwar l-Arbitragg - Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta prezentat mill-appellant Simon Peter Farrugia fit-12 ta’ Ottubru 2010 fejn l-aggravji huma (1) li l-arbitru huwa null u bla effett peress li d-d-decizjoni inghatat fl-ismijiet **“Simon Peter Formosa vs Raymond Dalli”** u d-*decide* kien ukoll f’dan is-sens meta l-partijiet kienu Simon Peter Farrugia u Raymond Dalli; (2) d-decizjoni hija zbaljata ghaliex giet ibbazata fuq l-punt li r-responsabilita’ tal-incident kienet dik tal-appellant ghaliex dan ma uzax indicator biex jindika li se jdur, u giet injorata r-regola bazilari tat-traffiku l-vettura li tkun qed issegwi vettura ohra ghandha zzomm distanza minnha bizzejjed li tkun tista’ tieqaf u dan skond r-regola 158 tal-Kodici tat-Traffiku tat-Triq f’Parti VII, u wkoll li huwa oneru tal-vettura ta’ wara li jispjega l-agir tieghu, u wkoll ir-regoli ta’ sorpass indikata f’paragrafi 183, 181 u 184; ma` dan inghad li ghalhekk l-apprezzament ta’ provi mill-Arbitru ma huwiex motivat u l-arbitru vvjola r-regoli ta’ dritt fuq indikati.

Illi l-appellat sostna li (1) l-ewwel punt gie sorvolat ghaliex saret korrezzjoni fl-ismijiet indikati skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) tal-Kap. 387;** (2) l-appell huwa inammissabbli ghaliex mhux fuq punt ta' dritt skond kif indikat fl-**artikolu 70 A tal-Kap. 387;** (3) l-appell naqas li jiddentifika l-punt ta' ligi, li skond huwa kellhu jigi applikat mill-artbitru; (4) fil-meritu id-decizjoni hija gusta u timmerita konferma.

Illi jinghad li l-kaz quddiem it-Tribunal tal-Arbitragg kien bejn l-appellant Simon Peter Farrugia u Raymond Dalli, u l-lodo arbitrarali datat 27 ta' Settembru 2010 hareg fl-ismijiet **"Simon Peter Formosa vs Raymond Dalli"** (fol. 6 tal-process). Jidher li l-Arbitru b'digriet moghti fl-20 ta' Ottubru 2010 (wara li sar dan l-appell) ta digriet li bih ordna li kull fejn jidhru l-ismijiet ta' Simon Peter Formosa u Simon Peter Portelli, nkluz fl-okkju tal-kawza, jigi sostwit bl-isem tal-appellant Simon Peter Farrugia.

Illi dan jidher li l-istess Tribunal presumibilment ghamlu skond l-**artikolu 48 (1) tal-Kap. 48** li jawtorizza lit-Tribunal sabiex fi zmien 30 gurnata minn meta jgharraf id-decizjoni tieghu jaghmel tiswijiet fid-decizjoni moghtija konsistenti fi *"zbalji ta' komputazzjoni, zbalji klerikali jew tipografici, jew zbalji ohra ta' dik l-ghamla".*

Illi din il-Qorti thoss, li kontrarjament ghal dak allegat mill-appellat, tali disposizzjoni bl-ebda mod ma tirreferi ghall-zball li jsir fl-istess decizjoni fl-okkju tal-istess Arbitragg, u dan peress li dan ma huwiex zball sempliciment kosmetiku jew zball klerikali jew tipografiku, izda wiehed li jittratta l-mertu tal-kwistjoni, ghaliex huwa l-okkju tal-partijiet li jiddetermina b'mod definit min huma l-partijiet fil-kawza, u wkoll min huwa marbut jew milqut bl-istess decizjoni. Mhux biss, izda meta jsir tali zball fl-okkju – dan ma jista' jigi rrangat lanqas mill-Qorti tal-Appell u dan fuq skorta ta' decizjonijiet moghtija fuq dan il-punt fosthom dik fl-ismijiet **"Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) fejn intqal hekk:-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."*

Illi l-istess fis-sentenza **"Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe"** (P.A. 10 ta' Dicembru 1963):-

*"… illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta' xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita' ta' l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."*

Illi mbaghad fis-sentenza **"Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe"** (A.C. 28 ta' Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem ta' l-attur, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet:-

*"Dan hu zball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **"Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba"** deciza fl-4 ta' Mejju 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*"… din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta' li tikkoregi kull zball li jirrizulta f'kull att li jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanzi imma din il-fakolta' ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 fl-ismijiet **"Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt"** u s-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja"** ukoll deciza mill-Qorti*

*ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995; is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 l nfatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kinux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata."*

Illi fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. - 23 ta' April 2001) saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. -14 ta' April 1997) fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dana l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta' ndividwu*

*kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino"** (A.I. C. (RCP) – 18ta' Novembru 2004) fejn saret referenza ghall-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** li jghid hekk:-

*"(2) Kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista' sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi dawn l-istess insenjamenti gew segwiti f'kazijiet ta' zbalji fl-ismijiet tal-partijiet quddiem tribunali kwazi gudizzjarji bhal ma huwa l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u fejn anke gie trattat il-punt jekk il-Qorti tistax tikkoregi isem tal-partijiet f'decizjoni hekk moghtija u fil-kawza **"Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Ottubru 2004) inghad li dan ma jistax isir ghaliex *"l-izball .... sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar* ( u din) *tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali."*

Illi fl-istess sentenzi citati anke ta' din il-Qorti fosthom dawk fl-ismijiet **"Anthony Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' April 2006) u **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (A.I.C. (RCP) – 18 ta'

Novembru 2004) jinghad li johrog car li l-provvedimenti ta' l-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** jirreferu ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni mill-Qorti ta' Prim' Istanza (u *se mai* ta' kwalunkwe organu iehor), u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz d-decizjoni stess ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fil-fatt dan huwa l-mertu ta' l-appell odjern. Dan gie kkonfermat fis-sentenza **"Anton Camilleri vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar"** (A.I.C. (RCP) – 10 ta' Dicembru 2009) fejn inghad li dan il-punt ghandu jitqajjem mill-Qorti *ex ufficio* u dan gie wkoll konfermat fis-sentenza citata mill-appellant odjern fl-ismijiet **"Angelo Buttigieg vs Fibre Marketing Ltd"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010) fejn saret riferenza ghal sentenzi fl-ismijiet **"Alfred Mifsud et vs Antonio Tabone"** (A.C. – 8 ta' April 1957); **"Francesco Busuttil vs Giuseppe Tanti Bellotti et"** (A.C. – 23 ta' Gunju 1952); **"Joseph Busuttil vs Avv. Dottor John Mamo nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); u **"Victor Zammit et vs Joseph Stivala"** (A.C. – 19 ta' April 1999).

Illi din il-Qorti thoss li din il-gurisprudenza kostanti tapplika wkoll ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 48 (1) tal-Kap. 387** fis-sens li l-istess Tribunal tal-Arbitragg ma jistax ibiddel wara li jaghti d-decizjoni l-okkju tal-istess decizjoni, u l-izbalji li jistghu jigu kkoregguti skond l-istess disposizzjoni ma humiex dawk li jolqtu s-sostanza proprju tal-kawza, bhal ma huma l-ismijiet tal-partijiet, u dan ukoll fuq l-iskorta ta' dak li gie deciz dwar l-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12.** Ghalhekk din il-Qorti qed tirrigetta l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-appellat ghal dan l-ewwel aggravju u l-konsegwenza ta' dan hija biss wahda u cjoe' li tirrevoka l-istess lodo u tiddikjarah bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u anke fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-**artikolu 71 (3)** tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal sabiex dan jiddeciedi mill-gdid il-kaz mertu tal-appell odjern bejn il-partijiet fl-istess arbitragg fid-dawl tal-konsiderazzjoni hawn maghmula u skond il-ligi.

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 21 ta' Ottubru 2010 biss in kwantu l-istess ma hijiex konformi ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Simon Peter Farrugia fir-rikors tieghu tal-appell datat 12 ta' Ottubru 2010**, b'dan li tiddikjara l-lodo tat-Tribunal ta' l-Arbitragg fl-ismijiet **"Simon Peter Formosa vs Raymond Dalli" (Arbitragg Numru 1549/08)** bhala null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk qed tirrinvija u tibghat l-atti lura lit-Tribunal sabiex dan jiddeciedi mill-gdid il-kaz mertu tal-appell odjern bejn il-partijiet fl-istess arbitragg, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula u skond il-ligi.

L-ispejjez minhabba c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------